# Tumas Dalli

Chev. Mario Coleiro O.S.J.

Tumas Dalli, jew kif kien magħruf *Majsi,* rabat ismu għal dejjem mar-raħal tagħna, ir-raħal ta' Santa Venera. Majsi kien twieled fl-1888 u l-biċċa l-kbira ta' ħajtu qattagħha joqgħod fid-dar numru 11 fi Pjazza Santa Venera, biswiet il-Knisja l-Antika. Oriġinalment kien mgħammed fil-parroċċa tal-Ħamrun. Il-familja tiegħu kienet marret toqgħod ġewwa Kordin u wara mxiet lejn Santa Venera. Sa min tfulijtu dejjem wera d-devozzjoni qawwija li kellu lejn Santa Venera. Billi kien bniedem li kien kapaċi jaħdem ħafna xogħol b'idejh, huwa ħadem bosta affarijiet li bihom kien iżejjen il-knisja, kif ukoll jgħammar bil-bżonnijiet neċessarji għaċ-ċelebrazzjonijiet spiritwali li kienu jsiru fiha. Majsi kien iżżewweġ lil Lieni u żewwiġhom Dun Xand Cortis. Min dan iż-żwieġ kellhom disa' wlied li minnhom għexu ħamsa. Fost uliedu kellu tnejn li semmihom Venera. L-ewwel waħda kienet mietet u wara semma tifla oħra.

Majsi kien bniedem li f'ħajtu ħadem ħafna xogħol differenti, l-iktar li kien jaħdem kien ix-xogħol ta' ġardinar. Għal xi żmien Majsi kien ibaħħar u jaħdem ħafna fuq il-baħar. Jingħad li fil-bidu tas-seklu 20 hu kien qiegħed jaħdem 'il bogħod minn Malta. Fost il-vjaġġi li kien jagħmel darba fost l-oħrajn kien marad serjament bil-malarja. Għal bosta ġimgħat kien qiegħed batut ħafna u kien imbezza' li ma kienx ser jerġa' lura lejn art twelidu u jara lil familtu u l-knisja tant għażiża għalih ta' Santa Venera. Għalhekk, waqt li kien f'qiegħ ta' sodda tturufnat minn art twelidu, jiġġieled mal-marda li ħakmitu, kien għamel wegħda li jekk jerġa' lura lejn Malta u jħaddan miegħu lil familtu, kien lest li jħallas il-vara ta' Santa Venera. Din il-vara kien lest li jirregalaha lill-knisja ddedikata lilha, li sa dak iż-żmien kienet saret viċi parroċċa.

Dan kien bejn 1913 u 1918. Ftit taż-żmien wara, Majsi beda jirpilja mill-mard u saħħtu ippermetietlu li jista' jivvjaġġa lura lejn Malta. Meta wasal kien rikoverat ġewwa l-isptar navali ta' Bighi, fil-Kalkara. Sakemm kien konvalixxenti, kompla saħħaħ il-wegħda li kien għamel li jħallas il-vara ta' Santa Venera. Meta ħareġ mill-isptar u seta' jerġa' lura lejn daru, huwa wettaq il-wegħda li kien għamel. Għalhekk kien mar Ħal Qormi għand l-istatwarju Karmelo Mallia *(Il-Lhudi),* li kien ħa f'idejh ħafna mix-xogħol li kien ħalla Karlu Darmanin wara mewtu.

Hemmhekk huwa ordna statwa ta' daqs normali li turi lil Santa Venera Verġni u Martri fil-predikazzjoni tagħha, imżejna bil-palma tal-martirju u l-kuruna li rebħet bil-fidi tagħha. Majsi kellu x-xorti li ġie lura lejn daru meta l-knisja ewlenija ta' Santa Venera kienet mgħollija għad-dinjità ta' parroċċa, bil-limiti indipendenti tagħha. Din kienet ħolma ta' Majsi u ħafna abitanti tal-inħawi kienu ilhom għal bosta jitolbu lill-awtoritajiet ekkleżjastiċi biex iwettqu. Id-data tat-twaqqif tal-Parrocca kienet nhar l-4 ta' Settembru, 1918. Majsi kien wettaq il-wegħda tiegħu u għall-ewwel festa titulari li kienet ġiet iċċelebrata l-Ħadd fuq is-26 ta' Lulju tas-sena ta' wara, jiġifieri fl-1919, kienet imżanżna l-Vara titulari ta' Santa Venera Verġni u Martri li tant hija għal qalb il-Vendriżi.

Iżda l-imħabba ta' Majsi għal Santa Venera ma waqfitx hawn, imma hu kien bniedem li kien jagħti kontribut f'ħafna ħwejjeġ li kellhom rabta mal-parroċċa u mar-raħal. Hekk naraw ritratt antik tal-festa fejn Majsi dejjem jidher imexxi l-vara. Nafu wkoll li Majsi kien ħadem biex isir l-armar tat-toroq għal jiem il-festa. Jingħad li kien hu stess li akkwista żewġ statwi li kienu mibdula fil-figuri ta' Agatone u Ippololita, il-genituri ta' Santa Venera biex fil-festa kienu jintramaw fuq żewġ pedestalli fuq iz-zuntier tal-knisja. Il-familjari ta' Majsi jgħidu li l-Knisja ta' Santa Venera kienet qisha l-bank tiegħu għax kull sold li kien ikollu kien jonfqu fiha.

Majsi baqa' tul ħajtu kollha midħla tal-knisja u sa meta miet qatt ma falla l-funzjonijiet tal-festa fil-knisja, kif ukoll baqa' jagħti daqqa t'id sakemm saħħtu ppermettietlu. Meta kiber sew u ma setax jgħix iktar waħdu, bintu Ċetta ġabritu magħha ġewwa Santa Lucija. Iżda l-festa ta' Santa Venera ma tilifha qatt. Anke meta kien batut sew, kien jinsisti li jġibuh fid-dar li kellu fil-pjazza biex jara lil Santa Venera ħierġa u dieħla.

Kien proprju waqt il-festa tas-sena 1980, meta l-vara kienet dieħla fil-knisja, instema' jlissen il-kelmiet: "Santa Venera, ħudni miegħek!" U hekk kien għax ftit sigħat wara Majsi miet u Santa Venera ħaditu magħha kif xtaq. Kellu tnejn u disgħin sena meta miet u l-funeral sarlu flok ix-xalata tal-festa. Fil-knisja tpoġġa quddiem il-vara tal-qaddisa li tant ħabb tul ħajtu kollha.

Majsi għalhekk rabat ismu mar-raħal tagħna u ma' Santa Venera Verġni u Martri u llum insibu saħansitra triq imsemmija għalih, biex ismu jibqa' ħaj għal dejjem.

J.G. IRONMONGERY

PSAILA STREET, BIRKIRKARA

TEL: 21484198 · VAT NO: 2250.0431

TOOLS, PLUMBING & ELECTRICAL FITTINGS, CONSTRUCTION MATERIAL, PAINT & COLOUR MIXING



Hydrovolt Ltd.

Mark Vella
B.Elec. Eng (Hons)
Director

Triq il-Brunżar, St Venera
Tel: (+356) 2144 0581
Mob: (+356) 9982 8407
hydrovoltltd@gmail.com

Suppliers of Plumbing Pipes & Fittings, Pumps, Wire & Satellite Cable, Heat Weld Fittings, and Water Heaters.